MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 03/2019

L-Erbgħa 31 ta' Lulju 2019

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 03.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

03.1.1 Is-Sindku qal li l-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech kienet skużata. Il-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 03.2 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid;

03.2.1 Is-Sindku, s-Sur Nicky Saliba, filwaqt li fakkar li fl-aħħar Laqgħa tal-Kunsill li nżammet nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju 2019 sabiex tiġi trattata din il-materja kien ġie deċiż li tinħareġ is-Sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv fil-Gazzetta tal-Gvern, għarraf lill-membri preżenti li din is-sejħa kienet eventwalment ġiet pubblikata t-Tlieta, 9 ta' Lulju 2019 u kienet damet miftuħa sal-Ġimgħa 24 ta' Lulju 2019. Il-bord tal-għażla li kien inħatar f'dik l-istess laqgħa, iltaqa' tlett darbiet kemm sabiex jevalwa l-applikazzjonijiet tal-applikanti interessati, kif ukoll sabiex inżammu l-intervisti mal-applikanti li kienu ġew misjuba eliġibli.

03.2.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, għarrafhom li sad-data tal-għeluq tas-sejħa, il-Kunsill kien irċieva tlett applikazzjonijiet mingħand: is-Sinjura Odette Camilleri, is-Sur Justin Agius, u s-Sur Neville Galea. Wara, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjega ukoll r-rapport tal-Bord tal-Għażla fejn hemm iddettaljat il-proċess kollu tal-bord tal-għażla kif ukoll fisser il-marki kif ingħataw filwaqt li temm l-intervent tiegħu billi għarraf lill-membri preżenti li l-Bord tal-Għażla qiegħed jirrakkomanda lis-Sur Neville Galea sabiex jinħatar Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ Għawdex minħabba li ġab l-akbar ammont ta' marki minn fost it-tlett kandidati l-oħra.

03.2.3 Wara diskussjoni fost il-membri, il-Kunsill approva r-rapport tal-Bord tal-Għażla u l-Kunsill inkariga lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jippubblika r-riżultat fin-*noticeboard* tal-Kunsill Lokali, kif ukoll jinforma bir-riżultat lill-applikanti kollha u jgħarraf lis-Sur Neville Galea dwar jekk jaċċettax jew mod ieħor din il-ħatra, biex il-Kunsill Lokali jkun jista' jinforma b'din id-deċiżjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u jinbeda l-proċess tal-ħatra tiegħu minnufih.

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

## 03.3 Materja oħra;

03.3.1 Is-Sindku ressaq għad-dsikussjoni korrispondenza li l-Kunsill irċeva mill-Arċipriet il-Kan. Dun Ġwann Sultana rigward żewġ attivitajiet li għandu ppjanati għall-jiem tal-festa sabiex il-Kunsill jorganizza dawn l-attivitajiet bil-kollaborazzjoni mal-parroċċa. Wara diskussjoni dwar din il-korrispondenza kien hemm qbil mill-membri preżenti kif ukoll mill-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech (wara li sar kuntatt magħha permezz ta' telefonata) li għall-attivita' tat-Tlieta 20 t'Awwissu 2019, il-Kunsill ser iżomm mal-pjanijiet tiegħu minkejja li l-attivita' ser issir b'kollaborazzjoni mal-parroċċa minflok mal-Għaqda tan-Nar, filwaqt li fl-attivita' tas-Sibt 24 t'Awwissu 2019 il-Kunsill mhux ser jidħol għal spejjeż addizzjonali iżda ser jibqa' kollox kif inhu mfassal jiġifieri bil-kollaborazzjoni mal-Għaqda tan-Nar kif kien maqbul f'laqgħa preċedenti.

03.3.2 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini fakkret lill-kunsilliera dwar l-iskema 'Clean Up the World 2019' sabiex il-Kunsill japplika għal din l-iskema u ssir l-attivita' bis-sehem tat-tfal tal-lokalita' fil-promenade tal-Qbajjar f'Marsalforn. Kien hemm qbil dwar dan. Ġiet diskussa ukoll l-iskema tas-sistema t'irrigazzjoni li kienet issemmiet fil-laqgħa tad-29 ta' Mejju 2019 tal-leġislatura preċedenti. Il-membri preżenti qabblu li ssir l-applikazzjoni għal sistema t'irrigazzjoni fil-*playingfield* taż-Żebbuġ hekk kif dalwaqt jibda l-proġett ta' riġenerazzjoni ta' din iż-żona rikreattiva.

## 03.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-5.30 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 28 t'Awwissu 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum l-Erbgħa 28 t'Awwissu 2019.

*Iffirmata*
Nicky Saliba
Sindku

*Iffirmata*
Ryan Debrincat
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)